BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
e.mail : birgu.lc@gov.mt   website : www.birgu.gov.mt

30 ta' Marzu, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 25(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgha numru 25(05), fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu, 2009 fi 6:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Is-Sur Ivan Peresso nghaqqad ghal laqgha fi 8.30 ta' filghaxija.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgħa 24(05) ittieħdu bħala moqrija

1.1 Dwar item 1.2 (24/05) is-Sindku qal li s'issa l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu minghajr risposta dwar l-ittra mibghuta lil Ministru Tonio Fenech rigward Triq San Lawrenz u ghaldaqstnt talab lis-Segretarja Ezekuttiva ssegwi din is-sitwazzjoni mil-ahjar li tista'.

1.2 Item 1.6 (24/05) rigward il-libel fil-konfront tas-Sur Silvio Scerri, direttur tal-kumpanija Nexos Street Lighting, is-Sindku qal li wara li dan il-kaz gie diskuss ma' l-Avukat tal-Kunsill l-Avukat Neville Camilleri, is-Sindku ssugerixxa sabiex dan il-kaz jitwaqaf.

1.3 Dwar item 1.8 (24/05), is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta dwar ir-rapporti mibghuta lil Awtorita tat-Trasport dwar Triq il-Kunvent.

1.4 Item 1.10 (24/05) is-Sur John Boxall, Sindku qal li nhar l-Erbgha 25 ta' Marzu 2009, ser issir laqgha ma' l-Onor. Mario DeMarco, Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu flimkien mas-Sindki ta' l-Ibliet tal-Kottonera u tal-Kalkara.

1.5 Dwar item 1.15 (24/05) is-Sur John Boxall, is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu minghajr risposta fuq il-pjanti tat-tibdil ta' Gnien Fuq tal-Hawli u bhalissa hemm kollox wieqaf.

1.6 Item 1.20 (24/05) is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ssottometta l-applikazzjoni fi hdan l-iskema dwar l-inizjattivi sportivi fil-lokalita.

1.7 Item 2.2 (24/05) is-Sindku qal li l-membership fee ta' l-assocjazzjoni AVEC kienet thallset u zied jghid li bejn is-26 u d-29 ta' Marzu, ser jattendi ghal konferenza generali ta' din l-Assocjazzjoni li ser issir f'Rennes fi Franza.

1.8 Dwar item 2.5 (24/05) is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-supretendent Ray D'Anastasi kien nbidel u minfloku lahaq is-Supretendent Charles Bartolo.

Il-Minuti tal-laqgha 24 (05) gew approvati unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.1 Korrispondenza mressqa mil-Kunsilliera Miriam Grech li tirrigwarda mistoqsijiet sottomessi mil-Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista (KKPN) dwar l-attivita tad-29 ta' Marzu, l-Festival ta' Loghob Tradizzjonali Malti.

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kellhu l-ebda intenzjoni li jdahhal dan il-festival f'attivita politika u zied jghid li kif jafu tajjeb il-kunsilliera prezenti, fl-20 ta' Novembru, 2008, l-Kunsill Lokali kien rcieva korrispondenza mibghuta mil-kuratur tal-Palazz ta' l-Inkwizitur, s-sur Godwin Vella fejn talab sabiex flimkien, fil-Birgu nhar id-29 ta' Marzu jittella' l-Festival ta' Loghob Tradizzjonali Malti. Din il-korrispondenza ghaddiet ghal approvazzjoni tal-Kunsill fi 3 ta' Dicembru, fejn giet approvata unanimament min dan il-Kunsill u fl-ebda mument ma kienx hemm xi intenzjoni sabiex din l-attivita tigi amalgamata ma' xi attivita politika. Fil-fra temp id-Dipartiment tal-Gvern Lokali hareg l-iskema ghal fondi ta' l-attivitajiet kulturali u din l-attivita flimkien ma' 4 attivitajiet ohra gew sottomessi sabiex jibbenifikaw min din l-iskema. L-applikazzjoni ghal Festival ta' Loghob Tradizzjonali Malti, giet accetata u approvata u barra min hekk kienet attivita li gabet l-ghola punti.

Hawnhekk ghal darb'ohra s-Sur John Boxall tenna li fl-ebda mument ma kien hemm l-intenzjoni li din l-attivita ser tiehu dimenzjoni politika.

Il-Kunsilliera Miriam Grech, staqsiet jekk is-Sindku kellhux laqgha mal-kapijiet tal-partit laburista, Is-Sindku zied jghid li iva, huwa kellhu laqgha mal-kapijiet tal-Partit Laburista flimkien mas-Sindki ta' l-Ibliet tal-Kottonera izda hu bhala Sindku fl-intervisti li kellhu

fuq programmi televizivi fl-ebda mument ma accenna li din l-attivita kienet ser isir mal-Partit Laburista izda rringrazzja biss lis-Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu u l-Informazzjoni kif ukoll l-Heritage Malta. Hu, bhala Sindku ma kellhu l-ebda interess li jhallat din l-attivita ma attivita politika, liema attivita wara kollox hija l-festa tal-31 ta' Marzu li hija festa pubblika w rikonoxxuta min kulhadd.

Is-Sur John Boxall, Sindku tenna li l-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti, ser titella' fuq skala nazzjonali u waqt din l-attivita mhu gej hadt mil-membri tal-Partit Laburista.

Is-Sindku ghal darb'ohra rega stqar li din l-attivita kienet principaljament idea tal-Heritage Malta.

Hawnhekk il-Kunsilliera Miriam Grech, staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jaghmel xi spejjez inkonessjoni ma' din l-attivita, u jekk hemm spejjez jistax jinghata rendikont taghhom. Is-Sindku, s-Sur John Boxall stqar li mil-fondi tal-Kunsill mhux hiereg l-ebda sold biex jkun amalgamat ma' l-attivitajiet tal-Partit Laburista li ser jitellghu ghac-celebrazzjonijiet tat-30 sena anniversarju ta' Jum il-Helsien. Il-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti ser jitella' bl-ghajnuna tal-fondi mirbuha mil-iskema ta' attivitajiet kulturali mil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku zied jghid li l-flus ser jintuzaw ghal attivita tal-festival biss.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-intenzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, kif ukoll tal-Heritage Malta, kienet li titella' attivita fuq skala nazzjonali u attivita ghal familja.

2.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal ghaxar progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea fi hdan is-sejha tal-*Med programme*. Dawn kienu:

- Il-Progett CotDes – "Cooperation for Tourism Development Strategies" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' €500,000 , b'kofinanzjament min-naha tal-kunsill jkun ta' € 75,000. Is-Sindku zied jghid li l-lead partners ta' dan il-progett huma l-Belt ta' Gela.

- Il-Progett "Sea to Land" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' € 127,500, b'ko-finanzjament min-naha tal-kunsill jkun ta' € 22,500. Is-Sindku zied jghid li dan il-progett kien diga sottomett is-sena l-ohra izda sfortunatament ma kienx ghadda.

- Il-progett "Early Stage M.E.D" – "Early Stage – Model of Entrepreneurship Development" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett ser jkun ta' € 133,025 b'ko-finanzjament min-naha tal-Kunsill ta € 23,475.

- Il-progett "MedCONNECT" – "Connecting Mediterranean Culture and Regions through the Web" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' € 200,000 b'ko-finanzjament min naha tal-kunsill ta' € 30,000.

- Il- Progett "IslandRes" – "Med partnership to protect insular environments and their resources" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett ser ikun ta' € 177,182.50 b'ko-finanzjament min-naha tal-kunsill ta' € 31,267.50.

- Il-progett "MARISK" – "Operational Prevention – Promt Warning of Pollution Incidents in Med COASTS" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett ser ikun ta' €163,030 b'ko-finanzjament min-naha tal-kunsill ta' € 28,770.

- Il-progett "InCoZMUCA" – "Integrated Coastal Zone Management of Urban Costal Areas" b'finanzjament ta' € 300,000 u l- ko-finanzjament min-naha tal-kunsill jkun ta' € 45,000.

- Il-progett "ERACLE" – "mEd teleRehAbiliation of cognitive functions through telEmatics" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' € 109,225 , b'ko-finanzjament min-naha tal-Kunsill ta' € 19,275.

- Il-progett "MMSN" – "Mediterranean Martime Safety Network" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta € 187,000 b'ko-finanzjament min-naha tal-Kunsill ta' € 28,770.

- Il-progett "Med. Tour. net" fejn il-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' € 204,000 , b'ko-finanzjament ta' € 36,000 min-naha tal-kunsill.

2.3 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-Kunsill ircieva diversi talbiet mir-residenti sabiex il-bus shelter li kien tkisser min karozza fi Triq Joseph Mary Genuis jerga jsir. Is-Sindku hawnhekk ipprezenta e-mail mibghuta mis-Sur Kevin Zahra, Operations Officer fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport li hija responsabilta tal-Kunsill sabiex dan jsir. Wara diskussjoni s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex dan il-bus Shelter jsir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Korrispondenza minghand il-Kumpanija Future Focus dwar il-kors ta' project management li qieghed jigi offrut ghal prezz ta' € 150. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill jibghat lis-Segretarja Ezekuttiva s-Sinjorina Christine Bonello u lill-iskrivana lis-sinjorina Ritianne Bonnici. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra li dehret fuq il-gurnal "Il-Mument" ta' nhar il-Hadd 9 ta' Marzu, 2009 bit-titlu "Jistghu jimxu daqsxejn ahjar mal-haddiema" kif ukoll ir-risposta min-naha tal-Kunsill li ntbghat lil dan il-gurnal flimkien ma' ittra mil-avukat. Is-Sindku zied jghid li din l-ittra ghandha tidher nhar il-Hadd 22 ta' Marzu, 2009.

Is-Sindku zied jghid li wara li hadd ma applika ghal sejha interna li harget ghal skrivana mal-Kunsill, ghaldaqstant inharget l-applikazzjoni min-naha ta' l-ETC.

2.6 Is-Sindku qal li hu kien gie avvicinat mis-Sur Hugh Mizzi, membru fil-bord ta' l-English Speaking Union (ESU) fejn informa is-Sindku li l-kumitat ta' din l-union kien qieghed ifittex ufficini u ghaldaqstant issugerixxa sabiex jekk hu possibli l-kunsill joffri karma

mill-Berga ta’l-Ingilterra. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jikteb lis-Sur Martin Scicluna, chairman ta’ dan il-bord sabiex tittiehed inkonsiderazzjoni li l-ufficini ta’ dan il-bord jkun fl-unika Berga ta’ l-Ingilterra li hawn f’Malta din li tinsab fi Triq il-Majjistral fil-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta ghal approvazzjoni tal-kunsill kopja tal-letterhead tal-kunsill li ghadu kemm sar xi tibdil fiha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Korrispondenza minghand is-Sinjorina Amandine Leopold dwar l-”audit” tal-progett ’Qualicities’ fejn nfurmat lil partecipanti li minflok ser jintbghat awditur ser tigi hi. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill isaqsi lis-sinjura Leopold xi kemm tigi l-ispiza biex jsir dan l-imsemmi *audit*. Dwar dan kein hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li s-Sur Nick Maris, chairman tal-kumpanija Camper & Nicholsons Marinas International Limited, ghan-nom ta’ din il-kumpanija tah donazzjoni lil Kunsill Lokali tal-Birgu ta’ € 8000 ghal installazzjoni ta’ lift intern fil-Berga ta’ l-Ingilterra. Barra min hekk din il-kumpanija tat wkoll donazzjoni lil Vittoriosa Stars Youth Nursery ta’ € 2000. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta’ l-ittra ta’ ringrazzjament li hu ghan-nom tal-Kunsill kien bghat lil din il-kumpanija.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta kopja tal-cooperation agreement li hu ghan-nom tal-Kunsill kien iffirma ma’ l-agenzija MUESAC, agenzija governattiva li tghin lil Kunsill Lokali u NGOs biex japplikaw ghal progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea.

2.11 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li mil- 5 applikazzjonijiet li l-Kunsill kien issottometta ghal skema ta’ attivitajiet kulturali, gew accettati zewg applikazzjonijiet li kienu l-attivita tal-”Birgu By Christmas Lights 2009” u l-”Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti”. Is-Sindku qal li ghal dawn l-attivitajiet kulturali l-kunsill ser jinghata € 5,500 bhala ghajnuna finanzjarja ghal Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti u € 6000 ghal Birgu By christmas Lights.

2.12 Ittra minghand is-socjeta Muzikali San Lawrenz fejn din is-socjeta nnominaw lis-Sur Guzi Scicluna ghal Premju Gieh il-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-korrispondenza tigi diskussa aktar il-quddiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Is-Sur John Boxall, Sindku qal li wara l-laqgha li saret mal-membri tal-kumitati li bghatu s-suggerimanti taghhom dwar l-organizzazzjoni ta’ Jum il-Birgu gie ssugerit li l-Jum il-Birgu jibqa jigi kkomemorat fis-7 ta’ Settembru u ic-celebrazzjonijiet jsiru fis-6 ta’ Settembru u barra min hekk jsir sotto-kumitat ghal festi ta’ Jum il-Birgu li jkun maghmul min membri ta’ l-ghaqdiet li urew interess u baghtu s-sottomissjonijiet taghhom dwar kif ghandu jigi ccelebrat Jum il-Belt Rebbieha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Light Sound Vision ghal 25 tubi tar-riflettur tal-kulur blu sabiex fil-granet tal-Gimgha Mqaddsa l-area ta’ Couvre Porte tinxteghel b’mod differenti. Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni kienet ta’ € 1,148.44. Wara

diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex tigi accetata din il-kwotazzjoni.

2.15 Ittra minghand is-Sur Michael Darmanin sid il-hanut "Old City Pub" fejn talab il-permess min-naha tal-kunsill sabiex matul il-gurnata jigifieri mit-8 ta' filghodu sat-3 ta' wara nofs in-nhar u mis-6 ta' filghaxija sal-11 ta' filghaxija jpoggi l-imwejjed u l-umbrellel quddiem il-hanut tieghu. Wara diskussjoni s-sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill jilqa' u japprova din it-talba izda fil-hin mhux stipulat l-imwejjed u l-umbrellel jiddahlu gewwa fil-hanut u qabel jsir dan is-Sur Darmanin jgib l-permessi kollha necessarji mil-awtoritajiet koncernati.

2.16 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Fire & Theft sabiex jigu nstallati 4 CCTV cameras ghal sorveljanza madwar il-Birgu. Is-Sindku tah spjegazzjoni ta' fejn hu qieghed jipproponi sabiex jitwahhlu dawn ic-CCTV cameras. Is-Sur John Boxall Sindku, ssugerixxa sabiex dawn jitwahhlu, Fuq il-Fortini fejn il-Bring In Site, Triq il-Mandragg fejn il-Bring In Site, fi Triq Emm. Attard u fi Triq Nofsinhar. Is-Sindku qal li l-ammont ikkwotat minghand din il-kumpanija kien ta' € 1923.55. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex iktar-il quddiem il-kunsill jahseb sabiex dan ix-xoghol jkun jista' jsir u jintalbu iktar kwotazzjonijiet.

## 3. Decizjoni dwar it-tibdil fl-ispustjar ta' l-ufficini tal-Kunsill

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li giet approvata t-talba tal-Kunsill sabiex l-ufficini tal-Kunsill jigi spustjat ghal Berga ta' l-Ingilterra. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill nghata wkoll ghajnuna mil-Onorevoli Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu u l-Informazzjoni, Dr. Chris Said, fejn ukoll talab sabiex jzur l-ufficini u l-Berga ta' l-Ingilterra.

Barra min hekk is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed ukoll jaffacja certu problemi mal-Fondazzjoni Wirt Artna fejn din il-Fondazzjoni applikat ghal progett ERDF iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea sabiex tkabbar il-Muzew li ghandha fi sit ta' Couvre Porte u inkluda l-izvilupp tas-sala. Izda kif diga kien gie diskuss u deciz mil-Kunsill prezenti, is-Sindku stqar li ghal ebda raguni l-Kunsill mhux ser iceddi is-Sala. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti b'vot unanimu iddecidew ukoll li ghal ebda raguni l-Kunsill Lokali tal-Birgu m'ghandu jcedi s-sala Gallerija Couvre Porte, il-*kitchenette* li hemm maghha u l-kamra fejn hemm l-istore li ukoll tinfed ma' Gallerija Couvre Porte.

Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex l-ufficini tal-Kunsill ma jigux spustjati ghal Berga ta' l-Ingilterra izda spustjati ghan-naha l-ohra tal-bini amministrattiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Proposta mil-kumpanija TK Associates

Is-Sindku, s-Sur John Boxall pprezenta lil Kunsilliera prezenti proposta mil-kumpanija barranija TK associates mmexija mill-Ungeriza, is-Sinjura Tunde Kallai. Is-Sindku qal li din l-kumpanija xtaqet tahdem fuq progett innovativ ”Virtual Birgu”. Fil-proposta ta’ din il-kumpanija,id-direttrici ta’ din il-kumpanija s-Sinjura Tunde Kallai, talbet sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jikri parti mil-ufficini amministrattivi tal-Kunsill sabiex jkunu jistghu jintuzaw min din il-kumpanija.

Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija. Offriet € 5,000 fis-sena ghal perjodu ta’ tlett snin. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-proposta tigi diskussa fit-totalita taghha mar-rapprezentant ta’ din il-kumpanija f’Malta is-Sur Ray Borg, fejn il-kunsill jipprova jitlob l-ammont ta’ € 20,000 fuq temp ta’ tlett snin. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk is-Sindku, s-Sur John Boxall pprezenta lil kunsilliera prezenti l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu maghmula mis-Sinjura Tunde Kallai, direttrici tal-kumpanija TK associates ghal l-iskema ta’ progett pilota ghal l-izvilup sostenibbli mahruga id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn zewg kunsilli mil-Kunsill Lokali kollha ser jinghataw il-possibilta l;i jibbenefikaw min € 25,000 ghal progett ghal izvilupp sostenibli. Is-Sindku qal li l-kunsill issottometta il-progett ”Virtual Birgu”

## 5. Decizjoni dwar it-tender ghal Project Secretary

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ghal dan it-tender kienet ntefghet applikazzjoni wahda, din kienet tas-Sinjorina Lyona Maria Xuereb. IS-Sindku qal li l-prezz ghas-servizz offrut kien ta’ € 6.28 fis-siegha. Wara diskussjoni, s-Sur Christopher Cassar issugerixxa li jekk din l-offerta tigi accettata, il-kunsill joffri lis-Sinjorina Xuereb zmien ta’ 3 xhur bhala probation u dan l-impjieg jkun fuq bazi part-time. Hawnhekk is-Sindku, s-Sur John Boxall issekonda u ssugerixxa sabiex il-kunsill jaccetta din l-offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6. Tgharif dwar l-attivita “Festival Loghob Tradizzjonali Malti"

Dan l-item gie diskuss matul il-korrispondenza f’item 2.1

## 7. Tgharif dwar l-attivita ”Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha”

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta rendikont lil kunsilliera prezenti tal-preparamenti kollha ghal attivita li ser titella’ nhar il-Hamis 9 t’April, l-attivita “Hamis ix-Xirka fid-dawl tax-Xemgha“.

Is-Sindku qal li kif diga gie spjegat il-kunsill qieghed jipprepara booklet dwar l-14-il wirja relatati mal- Gimgha Mqaddsa li ser jkun hawn mtella’ madwar il-Belt tal-Birgu. Barra min hekk ghal din l-attivita, partijiet mil-Belt tal-Birgu ser jintfghu mid-dawl elettriku u jinxteghlu bid-dawl tax-xemgha u fjakkoli. Fit-toroq tal-Birgu ser titella’ rapprezentazzjoni tal-passjoni ta’ Sidna Gesu Kristu mil-Ghaqda Kultura u Armar Marija

Annunzjata ta' Hal Tarxien ghal prezz ta' €932, kif ukoll partijiet mir-rock opera"Jesus Christ Superstar" mtella mill-grupp Square Wheel Entertainment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8. Il-Progett "Beyond Signs in the City"**

Il-Kunsilliera Miriam Grech, kunsilliera responsabli mil-progett "Beyond Sings in the City" tat rendikont fuq dan il-progett u qalet li s-Sinjura Reneta Palova l-persuna responsabli mil-progett flimkien ma' camera person bejn it-8 u t-12 t'April ser izuru l-Belt tal-Birgu sabiex jiffilmjaw il-lokalita ghal dan il-progett.

**9. Affarijiet Ohra**

9.1 Is-Sindku u s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex issir laqgha ma' l-Eccelenza tieghu Fra John Critien, sabiex flimkien jaraw x'possibilta hemm li fil-Birgu jsir bust ghal Princep u Gran Mastru ta' l-Ordni u l-ewwel cittadin onorarju tal-Birgu, Fra Andrew Bertie. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex fl-okkazzjoni tat-30 sena anniversarju ta' Jum il-Helsien issir plakka kommemorattiva. Ghaldaqstant is-Sindku pprezenta kopja tal-kliem ghal fuq l-imsemmija plakka. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar ssekondah.

9.3 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar Vici Sindku, ssekonda il-proponament u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fi 9.00 ta' filghaxija.

____________________________
Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati
____________________________
John Boxall
Sindku